MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 885/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Charles u Rita mizzewgin Micallef**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Premess illi bit-termini u kundizzjonijiet msemmija f'erba' kuntratti datati 9 t'Ottubru, 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras (Dok. "A"), 21 ta' Dicembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras (Dok. "B"), u tnejn datati 29 ta' Novembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza (Dok. "C" u "K") is-socjeta' attrici

kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Charles u Rita mizzewgin Micallef;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Charles u Rita mizzewgin Micallef fis-somma ta' sebgha u erbghin elf, tlett mija u sebgha u erbghin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm47,347.31) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Charles u Rita mizzewgin Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D(A) sa D(B)"; Dok ."D(C) sa D(D)"; Dok. "D(E) sa D(F)"; Dok. "D(G) sa D(K)"; Dok. "E1A sa E19A"; Dok. "E20B sa E25B" u Dok. "F1 sa F5"; Dok. "G1 sa G5") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 29 ta' Novembru, 1999 in atti Nutar Dottor Victor John Bisazza fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "C") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Charles u Rita mizzewgin Micallef (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Charles u Rita mizzewgin Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 16 t'Ottubru, 2001 li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok "H", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 29 ta' Novembru, 1999 in atti Nutar Dottor Victor John Bisazza fuq imsemmi

(u hawn ezebit bhala Dokument “C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Charles u Rita mizzewgin Micallef (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Charles u Rita mizzewgin Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Charles u Rita mizzewgin Micallef jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u erbghin elf, tlett mija u sebgha u erbghin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm47,347.31) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Charles u Rita mizzewgin Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “D(A) sa D(B); Dok. “D(C) sa D(D)”; Dok. “D(E) sa D(F)”; Dok. “D(G) sa D(K)”; Dok.”E1A sa E19A”; Dok. “E20B sa E25B” u Dok. “F1 sa F5”; Dok. “G1 sa G5”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’April, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 16 t’Ottubru, 2001 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li pprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet;

Semghet ix-xhieda tal-P.L. Joseph Zammit a fol. 83;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuti tal-14 ta’ Mejju, 2004;

Fuq ammissjoni t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta'attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------